MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 80/2004

Joseph Portelli

vs

Peter Paul Portelli

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li jippremetta illi:

Illi l-attur u l-konvenut huma koproprjetarji flimkien ma' ħuthom oħra ta' biċċa raba fin-Nadur magħrufa bħala 'Tal-Kamra' formanti parti mill-assi ereditarju tal-ġenituri;

Illi f'din ir-raba kienu jidħlu l-aħwa Portelli kollha u kollha kienu jaqtgħu l-frott mis-sigar billi din għadha komuni u l-esponenti mhux biss kien jidħol regolari fiha imma u sa

kellu marbat (ħolqa tal-ħadid mwaħħla mal-ħajt tal-kamra) li kien għamel fil-1994 biex jorbot ż-żiemel miegħu meta kien jinżel biż-żiemel u l-aħħar li daħal fir-raba u rabat iż-żiemel kien fit-12 ta' Gunju, 2004;

Illi minn xi ftit ta' żmien ilu l-konvenut beda jgħid illi din ir-raba 'Tal-Kamra' kienet kollha tiegħu u ma ried lil ħadd li jidħol fiha u fit-13 ta' Gunju 2004 ħabat għall-attur waqt li dan kien fil-passaġġ komuni tar-raba u heddu bis-sikkina;

Illi bejn il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Gunju, 2004, pero' żgur mhux qabel it-12 ta' Gunju 2004 il-konvenut qata l-marbat (il-ħolqa tal-ħadid) li kellu l-attur imwaħħal mal-ħajt tal-kamra, kif ammetta hu stess mal-Pulizija bil-konsegwenza illi l-attur illum ma jistax jidħol fl-imsemmija raba u jorbot iż-żiemel kif kien jagħmel regolari qabel;

Illi dan l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin kommess mill-istess konvenut għad-dannu tal-attur.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni li l-aġir tiegħu jikkostitwixxi spoll vjolent u klandestin għad-dannu tal-attur;

2. tikkundannah sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jispurga l-ispoll minnu kommess billi jirrijintegra lill-attur fil-pussess pien tiegħu billi jerġa' jagħmel il-marbat fejn kien u jħalli lill-attur jidħol liberament u jorbot iż-żiemel tiegħu ma' l-istess marbat kif kien jagħmel qabel;

3. u fin-nuqqas li l-attur ikun awtoriżżat li jagħmel ix-xogħlijiet huwa a spejjeż tal-konvenut okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex mhux minnu illi l-attur kien xi darba kien fil-pussess ta’ xi parti mir-raba magħrufa bħala ‘Tal-Kamra’ fil-limiti tan-Nadur, Għawdex; u għalhekk fil-każ odjern jonqsu t-tlett elementi rikjesti mil-liġi iżda senjatament dawk ta’ *possedisse, spoliatum fuisse.*

2. Illi huwa veru illi fl-14 ta’ Gunju 2004, l-esponenti qata l-marbat illi sab f’din il-kamra iżda dan għamlu għaliex l-istess marbat kien twaħħal klandestinament u vjolentement mill-attur odjern ftit siegħat qabel, u għalhekk huwa kien ġustifikat i8lli jirribatti dik il-vjolenza bl-istess miżura ta’ vjolenza u dan a bażi tal-prinċipju *vim vi repellere liċet.*

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Rat il-verbal tagħha ta' l-24 ta' Frar 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta’ spoll. Dwar kawża ta’ dan it-tip ġie mfisser illi:

*“In tema legali jingħad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta’ utilita’ soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f’idejh; b’mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Ċivili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi); …..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħhna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII . II. 975 .
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86 .

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola **"spoliatus ante omnia restituendus**". Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux it-tliet elementi msemmija fil-każ in eżami.

Mill-provi mressqa rriżulta illi l-attur qed jilmenta mill-fatt li l-konvenut qala', kontra l-volonta' tiegħu, marbat li huwa kien waħħal xi żmien qabel ma' ħajt ta' kamra li hemm fl-għalqa magħrufa "tal-Kamra" limiti tan-Nadur, Għawdex, posseduta in komun mill-kontendenti u ħuthom. L-attur jgħid illi ma' dan il-marbat huwa kien jorbot iż-żiemel tiegħu meta jinżel f'dawk l-inħawi, kif kien jagħmel qablu missier il-kontendenti, li huma aħwa, meta dan kien jinżel hemmhekk biż-żiemel tiegħu.

Li attwalment qala' dan il-marbat, il-konvenut ammettieh mill-ewwel.[4] Jikkontendi pero' illi f'din il-kawża jonqsu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din. Isostni wkoll illi fi kwalunkwe każ huwa għandu d-difiża tal-*vim vi ripellere licet*, billi huwa qala' l-marbat in kwistjoni immedjatament malli sar jaf illi dan twaħħal mill-attur mingħajr il-kunsens tiegħu.

Dwar l-element tal-**pussess**, irriżulta mill-provi miġjuba illi l-kontendenti huma komproprjetarji flimkien ma' uħud minn ħuthom, ta' l-għalqa fejn tinsab il-kamra li ma' wieħed mill-ħitan tagħha kien imwaħħal il-marbat in

---

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, para. 271 .
[4] ara Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu .

kwistjoni. Meta inqala' dan l-inċident, din l-għalqa kien qed jieħu ħsiebha l-konvenut, li kien imur jikkura u jsaqqi s-siġar tal-frott li hemm fiha. Madankollu sew l-attur, kif ukoll uħud mill-aħwa l-oħra, kienu jidħlu u jaqtgħu mill-frott li kien ikun hemm. Barra minn hekk, l-attur jgħid illi meta kien jinżel fl-inħawi biex jikkoltiva r-raba personali tiegħu li għandu hemmhekk, kien idaħħal iż-żiemel tiegħu f'din l-għalqa u jorbtu mal-marbat in kwistjoni sakemm idum jaħdem fir-raba tiegħu. Għalkemm il-konvenut u x-xhieda minnu prodotti, jsostnu illi qatt ma jafu li kien hemm marbat mal-ħitan ta' din il-kamra u li l-attur kien għadu kemm waħħlu klandestinament ftit biss qabel ma l-konvenut induna bih u qalgħu, irriżulta inekwivokament illi dan il-marbat kien ilu mwaħħal fil-post ta' l-inqas sa mis-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994). Infatti fl-24 ta' Jannar ta' dik is-sena Pawlu Portelli, wieħed mill-aħwa tal-kontendenti, kien intavola Rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni quddiem din il-Qorti kontra l-attur preżenti, biex iżommu milli jorbot iż-żiemel tiegħu fl-istess raba "tal-Kamra". [5] Fid-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 1994, il-Qorti ċaħdet it-talba wara li "…***ikkonstatat li ż-żiemel qed jintrabat maġemb il-ħajt tal-kamra li tinsab ġo din ir-raba***."[6]

Li sar l-allegat **spoll**, kif ġia ngħad, huwa ammess mill-konvenut stess.

Li l-fatti allegati ġraw f’anqas mix-**xahrejn** rikjesti mil-liġi għal promozzjoni ta’ kawża bħal din, jirriżulta sew mill-okkorrenza tal-Pulizija li ġiet redatta in segwitu għal dan l-inċident,[7] u li giet debitament ikkonfermata bil-ġurament tas-surġent John Grima, fid-depożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Novembru 2005,[8] li dan il-marbat tneħħa fl-14 ta' Gunju 2004, kif wara kollox jammetti l-konvenut stess fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu.[9] Il-kawża preżenti ġiet intavolata fil-21 ta’ Lulju 2004 u allura entro t-terminu ta’ xahrejn rikjest mil-liġi.

[5] Dok. X a fol. 47 tal-process .
[6] ara kopja ta' dan id-digriet a fol . 49 .
[7] Dok. JG 1 a fol. 35 - 37 .
[8] a fol. 33 - 34 .
[9] ara tieni eccezzjoni fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet a fol. 7 .

Jirriżulta għalhekk illi l-elementi meħtieġa f'kawża bħal din ġew sodisfaċentement ippruvati. Madankollu l-konvenut, kif ġia ngħad, jeċċepixxi wkoll li huwa "*qata' l-marbat illi sab f'din il-kamra, iżda dan għamlu għaliex l-isetss marbat kien twaħħal klandestinament u vjolentement mill-attur odjern ftit sigħat qabel, u għalhekk huwa kien ġustifikat illi jirribatti dik il-vjolenza bl-istess miżura ta' vjolenza u dan a bażi tal-prinċipju* **vim vi ripellere licet.***"*

Esponent ewlieni ta din it-teorija kien il-**Mattirolo** li jispjega illi:

"*Certo la necessita' dell' attuale difesa autorizza l'assalito a ripellere vim vi, ad opporsi cioe' all'uopo con la forza, alla spogliazione che gli si minaccia, ed anche la teoria del confestim ossia dell'ex (o in) continenti, la quale si appogia aparecchi testi del diritto romano, ed e' pure ammessa dalla giurisprudenza moderna.*

*Gli estremi necessari per potere repellere vim vi e cosi' rioccupare la cosa, sono tre: 1o. che ci sia stata violenza per parte dello spogliatore; onde in tema di spoglio clandestino no si applica mai l'in continenti; 2o. che la resistenza o la ricupera segua immediatamente (ex continenti, non ex intervallo); 3o. che essa avvenga nella stessa circostaza in cui succedette lo spoglio (in ipso congressu)*." [10]

Din it-teorija u awturi oħra taljani li jħaddnuha ġew iċċitati favorevolment mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Jannar 1989 fil-kawża: "Carmelo Sant vs Gerolamo Deguara et. [11]

Kif ġia rajna, irriżżulta pero' illi dan il-marbat kien ilu mwaħħal mal-ħajt tal-kamra f'din l-għalqa mill-inqas sa mis-sena 1994 u għalhekk żgur li ma setax kien hemm dik l-immedjatezza ta' reazzjoni ġustifikata da parti tal-

---

[10] op. cit. para 273, pag. 257 u footnote (2).
[11] kollez. Vol. LXXIII. ii. 267.

konvenut għat-twaħħil ta' dan il-marbat mill-attur, kif titlob din it-teorija.

Għal dawn il-motivi u peress illi ġie ppruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-tabliet attriċi u

1. tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-attur u dana meta fl-14 ta' Gunju 2004, huma qabad u qala' l-marbat li kien imwaħħal mal-ħajt tal-kamra li hemm fl-għalqa magħrufa "tal-Kamra" limiti tan-Nadur, Għawdex;

2. konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jisporga l-ispoll minnu kommess, u jirreintegra lill-attur fil-pussess pien tiegħu billi jerġa' jwaħħal marbat bħal dak li kien hemm fl-istess post ma' wieħed mill-ħitan ta' din il-kamra fi żmien xahar mill-lum, u jħalli lill-attur jidħol liberament u jorbot iż-żiemel tiegħu ma' l-istess marbat kif kien jagħmel qabel;

3. fin-nuqqas li jagħmel dan fiż-żmien hawn konċess, tawtorizza lill-attur jagħmel huwa stess ix-xogħlijiet meħtieġa, a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------